MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 223/2004

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Mark Demanuele**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u sebgha u tletin Lira Maltin, (LM3,037.00,0), rapprezentanti import ta' tmintax (18) il-kambjala, wahda ta' sebgha u tmenin Lira Maltin, (LM87.00,0), (bilanc), sebgha ta' mija u hamsin Lira Maltin, (Lm150.00,0), -il wahda, wahda ta' hames mija u hamsin Lira Maltin, (LM550.00,0), u disgha ta' mija u hamsin Lira Maltin –**

**il wahda, (LM150.00,0), debitament accettati u skaduti minn Novembru tas-sena 2002 sa April tas-sena 2004 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn wiehed (1) sa tmintax (18) konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-23 ta' April 2004 jammontaw ghal mitejn u Lira Maltin, (LM201.00,0), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult legali ta' sitt Liri Maltin, (LM6.00,0) kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-18 ta' Jannar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------